**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA LL.D**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2016

**Talba numru: 683/2013AM3**

**Numru fuq il-lista: 27**

**Joseph Tabone (K.I. 537854M)**

**Vs**

**Nazzareno Formosa (K.I. 811550M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru, 2013 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi ordnat ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u ghoxrin ewro (€2,020), bilanc ta' somma akbar mislufa mill-attur lilll-konvenut 'brevi manu' wara li l-konvenut kien talab is-self lill-attur ghax allega li martu kienet marida serjament u kellu bzonn isifirha.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 6 li fiha eccepixxa li huwa mhux debitur tal-attur kif qieghed jigi allegat.

**It-Tribunal,**

Ra x-xhieda tal-attur a fol 9 li permezz taghha spjega li kien sellef lill-konvenut is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) quddiem it-tifel ta' ohtu certu Lippu jew Philip, li mbaghad selfu l-ammont izghar fil-prezenza ta' ragel gol-karozza li ma jafx min hu u li meta kien sellef lil Philip dan Philip dejjem tahomlu lura. Xehed li ghal pagamenti kien jigi dan ix-xih li kien jorqod ir-razzett mieghu li mbaghad keccih mir-razzett u kien jaghmilhomlu hu l-pagamenti. Meta kellem lil Philip huwa qallu li ma riedx jidhol fil-bicca u li mija fil-mija ma kienx ser jiehu l-flus lura.

In kontro-ezami a fol 18 et l-attur xehed li b'kollox selfu tlett elef, mitejn u ghoxrin ewro (€3,220) u li minnhom hallsu erbgha mija (€400), tlett mija (€300), tlett mija (€300) u mitejn (€200). Bilanc jifdal elfejn u ghoxrin ewro (€2,020). Dawn kien tahomlu fit-triq. Huwa pprezenta Dok JT1 li kienet tnizzel il-mara meta jsir xi pagament. Jikkonferma li l-pagamenti akkont kien jibghatu ma' Joseph Vella.

A fol 14 et xehdet il-mara tal-attur Carmen Tabone. Xehdet li f'Settembru, 2009 zewgha infurmaha li kellmu Pacik li kellu l-mara b'kancer u ried jissellef xi elfejn ewro (€2,000) u li din kienet l-ewwel darba li talabhom il-flus. Dan Pacik huwa Nazzareno. Darb' ohra talbu elf ewro (€1,000) biex jissellef u kien selifhomlu. Darb'ohra mar ma' ragel fil-karozza u talab lil zewgha tlett mija u ghoxrin ewro (€320) ghal kotba tat-tifel u tahomlu. B'kollox Tabone tghid li selfuh tlett elef, tlett mija u ghoxrin ewro (€3,320).

L-ewwel darba li gie hallas xi haga minnhom kien l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) fil-15 ta' April, 2012. Darba f'Gunju kien taha tlett mitt ewro (€300) u darba ohra fl-24 ta' Ottubru, 2012 kien taha mitejn ohra (€200) u fid-29 ta' Jannar, 2013 kienet l-ahhar darba li ta u din kienet somma ta' tlett mija (€300) u wara dik id-darba ma taha xejn. Ta' kull xahar kienu jcemplulu u hu jghidilhom li ser ihallashom izda qatt ma hallas xejn. Meta kitbulu bl-Avukat huwa rrisponda li kienu selfuh b'uzura u ghalhekk ma kellu jaghtihom xejn. Il-bilanc pendenti huwa ta' elfejn u ghoxrin ewo (€2,020). In kontro-ezami tghid li hija qatt ma kienet prezenti meta saru dawn il-pagamenti u li l-konvenut lil zewgha kien ihallas. Fuq l-imghax ma kienu ftehmu xejn. Il-konvenut kellu anzjan jghix mieghu u kien jibghatilha l-flus tramite dan l-anzjan li jismu Joseph Vella

jghidulu "z-Zuzu". Tghid li meta kien ihallasha dan iz-Zuzu, kienet iccempel lil Nazzareno u kienet tinfurmah li thallset dak l-ammont u tnizzel xi jkun thallas.

A fol 19 Carmen Tabone in kontro-ezami tikkonferma li s-self ma sarx quddiemha u li kien imur ragel jitlobhomlha u hi taghtihomlu. Kienet tibqa gewwa u zewgha kien johrog il-flus. Il-konvenut kien jibghat il-flus ma' Joseph Vella u Joseph Vella kien jaghti l-flus lilha.

Il-konvenut a fol 26 et xehed li jaf lill-attur li veru ssellef flus minghand l-attur. Darba ssellef elfejn ewro (€2,000), it-tieni darba mar ma' Philip Sciberras u rega ssellef elfejn ewro (€2,000) ohra; kien hallsu l-ewwel elfejn ewro (€2,000) ghax kieku ma kienx iselfu t-tieni elfejn ewro (€2,000).

Dwar it-tieni self ta' elfejn ewro (€2,000) il-konvenut xehed li dan Philip Sciberras qallu li huwa ta lill-attur hafna iktar minn elf ewro (€1,000) u tah tlett icrieket tad-deheb. Il-konvenut jghid li huwa hallas hames mitt ewro (€500) u mitejn ewro (€200) u mbaghad rega tah tlett mitt ewro (€300) u tlett mitt ewro (€300) ohra u li dawn l-flus kien baghthom ma' Joseph Vella. Ma' Vella kien baghatlu tlett mija (€300), tlett mija (€300) u mitejn (€200).

In kontro ezami l-konvenut jghid li huwa darbtejn ha l-flus. L-ewwel darba elf u kien mar il-kamra tas-sinjur ghal dawn il-flus u t-tieni darba l-istess u kien mar mat-tifel ta' ohtu. Huwa kien imur jiltaqa' mal-attur fl-ufficcju tieghu Rahal Gdid u mhux fil-karozza u dan jiftakru sewwa ghax dejjem kien jaghtih grokk. L-ewwel self ta' elfejn ewro (€2,000) hallsu b'hames pagament ta' hames mitt ewro (€500) kull wiehed u kien tah pagament minnhom ta' hames mitt ewro (€500) imghax. Jinnega li kien qallu li l-flus kellu bzonnhom minhabba mard tal-mara.

Fis-seduta tat-tmienja (08) ta' Lulju, 2016 xehed Joseph Vella li jaf lil Joseph Tabone u lil Zaren Formosa u li huwa kien avvicina lill-attur biex jislef xi flus lil konvenut. Mistoqsi kemm kien dan is-self Vella jghid li huwa ma dahalx bejniethom ghax telaq meta kienu qed jiftehmu. Xehed li l-konvenut kien jghaddilu xi flus biex jaghtihom lil Tabone u jghid li bejn wiehed u iehor ghaddielu xi tlettax-il mitt ewro (€1,300) u dan f'medda ta' xhur.

Jekk hallas aktar il-konvenut, ix-xhud Vella wiegeb li ma jafx pero' mieghu ma ghaddiex aktar minn elf u tlett mitt ewro (€1,300).

Ra l-verbal tas-seduta tat-tmienja (08) ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li ghalqu l-provi u trattaw il-kawza.

**Konsiderazzjonijiet.**

F'din il-kawza l-attur jikkontendi li huwa sellef lil-konvenut is-somma ta' tlett elef, mitejn u ghoxrin ewro (€3,220) u li minnhom il-konvenut hallsu erba' mija (€400), tlett mitt ewro (€300), tlett mitt ewro (€300) u mitejn ewro (€200) total ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u ghalhekk ghad baqghalu bilanc ta' elfejn u ghoxrin ewro (€2,020) x'jithallas. Xehed li l-ewwel self kien sar meta l-konvenut kien mar wara l-bieb u talbu l-flus ghax martu marida bil-kancer, dahal jghid lil martu u martu ghaddietlu l-flus u huwa tahomlu. Xehed li s-somma zghira kien sellifielu fit-triq meta kien waqfu l-konvenut u dan l-ammont kien ta' mija u ghoxrin ewro (€120). Xehed li l-hlasijiet li huma miktubin a fol 20 dejjem baghthom ma' Joseph Vella.

Xehed li darba sellfu tlett elef ewro (€3,000) u kien hemm it-tifel ta' oht il-konvenut jismu Lippu jew Philip u mbaghad selfu l-ammont iz-zghir fil-prezenza ta' ragel gol-karozza. Li selfu permezz ta' Philip kien thallas ta' kollox.

Il-mara tal-konvenut xehdet a fol 14 et li kien f'Settembru, 2009 li zewgha qallha li Pacik kellu bzonn jissellef xi elfejn ewro (€2,000) ghax kellu l-mara marida bil-kancer u li din kienet l-ewwel darba li l-konvenut talabhom il-flus. Hija tghid li darb'ohra selfuh elf ewro (€1,000), darba ohra tlett mija u ghoxrin ewro (€320). Ghalhekk l-ammont totali li selfuh kien ta' tlett elef tlett mija u ghoxrin ewro (€3,320).

Mart il-konvenut, Carmen Tabone xehdet ukoll li l-ewwel darba hallasha hames mitt ewro (€500) fil-hmistax (15) ta' April, 2012, darb'ohra f'Gunju, 2012 meta ghaddielha pagament ta' tlett mitt ewro (€300) u darb'ohra fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, 2012, mitejn ewro (€200) ohra, u fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2013 tlett mitt ewro (€300) u din kienet l-ahhar darba, total ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) u dawn

kollha saru bejn il-hmistax (15) ta' April, 2012 sad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2013 meta skont hi sar l-ahhar pagament. Hija xehdet ukoll li l-flus kienet dejjem tircevihom hi.

A fol 20 l-attur esebixxa notamenti li kienet tnizzel martu tal-pagamenti li saru u li juru li l-konvenut kien ghamel pagament ta' elfejn ewro (€2,000) fl-ewwel (01) ta' Settembru, 2009, pagament iehor ta' elf ewro (€1,000) minghajr data, pagament iehor ta' tlett mija u ghoxrin ewro (€320) fis-sbatax (17) ta' Jannar, 2010, fil-hmistax (15) ta' April, 2012 sar pagament ta' hames mitt ewro (€500), pagament tal-hdax (11) ta' Gunju, 2013 ta' tlett mitt ewro (€300), pagament iehor fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, 2012 ta' mitejn ewro (€200) u pagament iehor ta' tlett mitt ewro (€300) li sar fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2013.

Il-konvenut mill-banda l'ohra jikkontendi li ma baqghalu jaghti xejn lill-attur. Huwa jikkonferma li kien issellef minghand l-attur darbtejn, l-ewwel darba elfejn ewro (€2,000) u l-flus ghaddew 'mill-kamra tas-sinjur' u tieni darba elf ewro (€1,000) u f'din it-tieni darba kien hemm prezenti t-tifel ta' ohtu. Xehed li t-tifel ta' ohtu kien hallsu lura elf ewro (€1,000) lura, u tlett icrieket tad-deheb. Fir-rigward tas-self lil konvenut, il-konvenut jghid li kien hallas lill-attur hames mitt ewro (€500), mitejn ewro (€200), tlett mitt ewro (€300) u tlett mitt ewro (€300) ohra li kien baghthom ma' Joseph Vella. Xehed li ma' Joseph Vella l-pagamenti ta' tlett mitt ewro (€300), tlett mitt ewro (€300) u mitejn ewro (€200) biss baghat mieghu. In kontro ezami xehed li tal-ewwel elfejn ewro (€2,000) self hallsu elfejn u hames mitt ewro (€2,500) f'hames pagamenti ta' hames mitt ewro (€500) il-wiehed u kien imur ihallsu fil-post li jsejjahlu 'l-kamra tas-sinjur' u dan dejjem filghaxijiet.

Illi din il-kawza hija msejsa fuq l-kredibilita' tax-xhieda galadarba hemm konflitt bejn il-verzjonijiet u x-xhieda prodotta mill-partijiet. Dan it-Tribunal ghandu quddiemu z-zewg verzjonijiet konfliggenti u l-iskrutinju li jehtieglu jaghmel dan it-Tribunal huwa essenzjalment dwar liema verzjoni hija dik li tissodisfa l-kriterji stabiliti mill-gurisprudenza taghna Hija norma li f'kamp civili, kuntrarjament ghal dak li hu rikjest fi proceduri kriminali, f'kazijiet ta' kuntrast bejn verzjoni u ohra tal-kontendenti huwa bizzejjed li l-Gudikant jkun moralment konvint mill-kredibilita' u attendibilita' ta' wahda

mill-verzjonijiet (**vide Appell per Prim Imh Degaetano kawza 898/1990 fl-ismijiet Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo noe vs Josephine Carol Farrugia mart John deciz 7.7.2006).**

Fil-kawza fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia (deciza 24.11.1966**); *"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

U fil-kawza **"Paul Vassallo vs Carmelo Pace" (Vol. LXX. II.144):** *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat'. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero, l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn l-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesti f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. "*

U l-istess fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak (PA (TM 30.10.2009 )** fejn inghad illi:

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess sjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

Illi ghalhekk , u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal wara li fela bir-reqqa l-provi kollha prodotti irrizultalu dan li gej:

Il-verzjoni tal-attur hija li sellef s-somma ta' tlett elef mitejn u ghoxrin ewro (€3,220) u thallas elf u mitejn ewro (€1,200) cioe b'pagamenti ta' erbgha mitt ewro (€400), tlett mitt ewro (€300), mitejn ewro (€200) u tlett mitt ewro (€300); il-verzjoni ta' martu hija li selfu tlett elef, tlett mija u ghoxrin ewro (€3,320) u thallsu lura elf u tlett mitt ewro (€1,300) cioe hames mitt ewro (€500), tlett mitt ewro (€300), mitejn ewro (€200) u tlett mitt ewro (€300) u li dan l-ahhar pagament sar fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2013; il-verzjoni tad-dokument esebit mill-attur u li jinsab a fol 20 jghid li saru s-segwenti pagamenti: elfejn ewro (€2,000) fl-ewwel (01) ta' Settembru, 2009; elf ewro (€1,000) bla data; tlett mija u ghoxrin ewro (€320) fis-sbatax (17) ta' Jannar, 2010; hames mija (€500) fil-15 ta' April 2012; tlett mitt (€300) fil-hdax (11) ta' Gunju, 2012, mitejn ewro (€200) fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, 2012 u tlett mitt eweo (€300) fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2013.

Il-verzjoni tal-konvenut hija li huwa ssellef tlett elef ewro (€3,000), li minnhom hallas elf ewro (€1,000) u tlett icrieket li hallashom Philip Sciberras it-tifel t' ohtu, hames ewro (€500), mitejn ewro (€200), tlett mitt ewro (€300) u tlett mitt ewro (€300) cioe' elf u tlett mitt ewro (€1,300) li hallas il-konvenut u li minnhom baghat il-pagamenti ta' tlett mitt ewro (€300), mitejn ewro (€200) u tlett ewro (€300). Ghalhekk il-konvenut qed jghid li hallas elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u tlett icrieket tad-deheb.

Ix-xhud Joseph Vella jammetti li l-konvenut kien jibghat xi hlasijiet mieghu u li dawn ma kienux aktar minn elf u tlett mitt ewro (€1,300).

Mill-provi jirrizulta li pagament ta' elf ewro (€1,000) sar ghax imnizzla fid-dokument ta' fol 20, il-pagament ta' hames mitt ewro (€500) wkoll imnizzel a fol 20, il-pagament ta' mitejn ewro (€200) wkoll sar ghax imnizzel a fol 20, il-pagament ta' tlett mitt ewro (€300) wkoll ghax imnizzel a fol 20 u anke l-pagament l-iehor ta' tlett mitt ewro (€300) li huwa wkoll imnizzel fid-dokument a fol 20. Illi ghalhekk il-pagamenti kollha li l-konvenut xehed li ghamel jirrizultaw li thallsu ghax imnizzla mill-mara tal-attur stess a fol 20. Kif jirrizulta mill-istess li kienu thallsu l-elfejn ewro (€2,000) li kien qabel issellef il-konvenut.

Izda a fol 20 isemmi wkoll pagamenti ta' tlett mija u ghoxrin ewro (€320) li l-attur stess jghid li saru mill-konvenut u li mhux imsemmija mill-attur. Ghalhekk skont fol 20 il-

pagamenti li saru mill-konvenut (eskluz l-elfejn ewro) (€2,000) jammontaw ghal elfejn sitt mija u ghoxrin ewro (€2,620).

Illi l-partijiet jaqblu li s-self ta' tlett elef ewro (€3,000) kien sar u li mhux jaqblu li kien hemm self iehor zghir ta' mitejn u ghoxrin ewro (€220). Mill-provi jirrizulta li l-konvenut ghamel pagament akkont ta' tlett mija u ghoxrin ewro (€320) fis-sbatax (17) ta' Jannar, 2010 u ghalhekk dan it-Tribunal jasal biex jemmen il-verzjoni tal-attur meta xehed li s-somma mislufa hija ta' tlett elef, mitejn u ghoxrin ewro (€3,220) ghax kieku ma kienx ikun hemm lok ghalfejn il-konvenut jaghmel pagament ta' tlett mija u ghoxrin ero (€320) u mhux dak shih cioe' minghajr ghoxrin ewro (€20) aktar.

Madankollu mill-provi jirrizulta li l-pagamenti saru mill-konvenut fl-ammont ta' elfejn sitt mija u ghoxrin ewro (€2,620) u ghalhekk il-bilanc li baqghalu jhallas il-konvenut huwa ta' sitt mija (€600). Veru li l-konvenut xehed li anke tlett icrieket tad-deheb it-tifel ta' ohtu Philip Sciberras ghadda lill-attur izda ma ressaqx lil dan Philip Sciberras bhala xhud f'din il-kawza kif lanqas gab prova tal-valur ta' dawn ic-crieket jekk kienu jezistu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tal-attur u jordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**